



Brussell, 21 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5441/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0218(COD)

AGRI 25
AGRIFIN 2
AGRIORG 2
AGRILEG 11
CODEC 122
CADREFIN 23

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew - Informazzjoni mill-Presidenza

1. Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat tliet proposti leġiżlattivi dwar il-PAK futura. Fil-proposta rigward ir-Regolament dwar l-OKS, tressqu diversi bidliet relatati mad-dispożizzjonijiet dwar is-settur tal-inbid. Fost dawn, il-proposta dwar il-varjetajiet tal-inbid tidher li hija l-aktar waħda kontroversjali. Il-Kummissjoni tipproponi li tinfetħ il-possibbiltà għall-Istati Membri u s-settur tal-inbid li jużaw:

- il-varjetajiet li jappartjenu għall-ispeċi *Vitis labrusca*;

- il-varjetajiet Noah, Othello, Isabelle, Jacquez, Clinton u Herbemont, li ġew ipprojbti snin ilu għal raġunijiet li xi wħud iquisuom li ma għadhomx validi;
- il-varjetajiet ibridi bejn l-ispeċi *Vitis vinifera* u speċijiet oħra ta' *Vitis* f'denominazzjonijiet ta' oriġini protetta (DPO), kif diġà huwa l-każ għal indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP).

Il-Kummissjoni tiġġustifika l-introduzzjoni ta' tali possibbiltajiet b'kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u ambjentali. Fil-fatt, il-varjetajiet ibridi u l-varjetajiet li jappartjenu għal *Vitis labrusca* għandhom it-tendenza li jkunu adattati aħjar għat-tibdil fil-klima u dan ifisser li jirreżistu aħjar għal kundizzjonijiet ħorox tat-temp bħan-nixfa u t-temperaturi għoljin. Fil-parti l-kbira tal-każijiet jippreżentaw ukoll karatteristiċi ta' reżistenza aħjar għall-mard, inkluż għal mard u pesti komuni tal-ġhenab bħall-moffa żajbrija, il-moffa, il-botrytis u l-fillossera. Din il-karatteristika għandha influwenza diretta fuq il-kwantità ta' pestiċidi użati, li tista' titnaqqas b'mod sinifikanti, u għalhekk ikollha impatt pożittiv fuq l-ambjent u l-marġni ta' profitt tal-bdiewa.

2. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-inbid u, b'mod aktar speċifiku, il-mistoqsijiet dwar il-varjetajiet tal-inbid ġew diskussi għall-ewwel darba fil-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli f'Settembru 2018. Matul l-interventi orali tagħhom kif ukoll fil-kummenti bil-miktub, id-delegazzjonijiet urew oppożizzjoni pjuttost b'saħħitha għal din il-proposta, u kkwotaw ir-riskji potenzjali fitosanitari u għas-saħħa li jirriżultaw mill-introduzzjoni ta' dawn il-varjetajiet. Dan is-suġġett ġie diskuss ulterjorment fil-laqgħa tal-KSA f'Novembru 2018, meta l-Preżidenza Awstrijaka pproponiet tliet mistoqsijiet biex jiġi valutat b'mod aktar preċiż il-livell ta' appoġġ għal kull waħda mit-tliet sottokwistjonijiet fil-proposta tal-Kummissjoni. Id-diskussjoni wriet differenza ċara bejn l-opinjoni tal-pajjiżi ewlenin li jipproduċu l-inbid, li jopponu l-proposta bil-qawwa, u tal-bqija tal-Istati Membri, li jew ikunu flessibbli inkella ħerqana li jaċċettawha. Id-delegazzjonijiet li lesti jappoġġaw il-proposta semmew kunsiderazzjonijiet ambjentali bħala r-raġuni ewlenija tagħhom kif ukoll in-nuqqas ta' xi prova xjentifika tar-riskji potenzjali għas-saħħa msemija fil-passat. Barra minn hekk, xi wħud enfasizzaw il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni ma kinitx tirrikjedi lill-Istati Membri jawtorizzaw tali varjetajiet iżda tathom biss l-opzjoni li jagħmlu dan li, fl-opinjoni tagħhom, għandha tkun waħda miftuħa. L-argumenti msemija minn pajjiżi li jopponu l-proposta jinkludu fil-parti l-kbira tagħhom ir-riskju ta' tnaqqis tal-istandards ta' kwalità għall-inbid Ewropew.

3. Waqt is-seminar tal-inbid organizzat mill-Presidenza Awstrijaka f'Diċembru 2018 diversi kelliema ppreżentaw fatti xjentifiċi u storiċi biex juru l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-introduzzjoni ta' dawn il-varjetajiet.

Minn naħa waħda, issemma l-punt li dawn il-varjetajiet jistgħu jkunu ta' benefiċċju kemm għall-produtturi kif ukoll il-konsumaturi, billi jillimitaw b'mod sinifikanti l-kwantità ta' pestiċidi użati u, għalhekk, ikollhom impatt pożittiv fuq l-ambjent u l-marġni ta' profitt tal-bdiewa.

Min-naħa l-oħra, ġie ssottolinjat li l-ftuħ ta' dawn il-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li jappartjenu għal *Vitis labrusca* u tas-sitt varjetajiet ipprojbiti jnaqqas il-kwalità tal-prodotti tal-inbid u, għalhekk, jista' jaffettwa r-reputazzjoni tal-inbejjed Ewropej li nkisbet bi sforzi enormi u riżorsi finanzjarji importanti. L-inbejjed prodotti minn dawn il-varjetajiet ma jissodisfawx l-aspettattivi tal-konsumaturi Ewropej u tad-dinja għall-kwalità u l-kompetittività.

Fl-aħħar nett, il-preżentazzjoni dwar id-dwieli reżistenti għall-mard u l-vinji tal-futur issottolinjat ir-rwol ta' riċerka u innovazzjoni ulterjuri fis-settur u l-ħtieġa li jinstabu varjetajiet reżistenti ġenetiċi ġodda bil-ħsieb li jitnaqqsu xi wħud mill-aspetti negattivi marbuta mal-użu ta' pestiċidi. Bl-avvanzi teknoloġiċi u l-għarfien speċjalizzat attwali, hemm potenzjal kbir għar-riċerka fil-vitikultura u l-ħolqien ta' varjetajiet ġodda sostenibbli li jadattaw għall-kundizzjonijiet agronomiċi u li jistgħu jintgħażlu kif adatt bi kriterji tal-kwalità tad-dewqan tal-inbid.

*

* *

F'dan il-kuntest, waqt il-Kunsill tat-28 ta' Jannar, il-Ministri huma mistednin jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet fuq il-bażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

Q1: Meta tqisu l-argumenti inklużi fil-preżentazzjonijiet li saru waqt is-seminar tal-inbid u fid-dokumenti mqassma sussegwentement, tkunu lesti taċċettaw li s-suq jinfetaħ għall-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li jappartjenu għal Vitis labrusca u għas-sitt varjetajiet ipprojbti? Jew tippreferu li jinżamm l-istatus quo fir-rigward ta' dawn il-varjetajiet ta' għeneb?

Q2: Fid-dawl tal-mistoqsija preċedenti, taqblu li varjetà tal-inbid li tirriżulta minn taħlit bejn Vitis vinifera u speċijiet oħra tal-ġeneru Vitis tista' tiġi awtorizzata fl-inbejjed DOP?